# MALTA MISSJUNARJA – IS-17-IL PARTI



L-E.T. Mons. Emm. Galea, Isqof Tit. ta' Tralles. Vig. Ġen. (1891-1974).

Fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda (1932-1957) insibu artiklu ieħor tal-Eċċ. Tiegħu Mons. Emm. Galea, Isqof Tit. ta' Tralles. Vig. Ġen.: *Il-Ħidma tal-Malta Missjunarja* (Sena XXV, Ottubru 1957, nru.10, p.149). Għalih, dan l-anniversarju dlonk iġib quddiem l-għajnejn il-ġid kbir li dan il-qari ta' kull xahar għamel f'Malta għat-tixrid tas-Saltna ta' Ġesù Kristu fid-dinja. Huwa mbagħad imur biex jelenka x-xogħol li tagħmel ir-rivista kif jafu l-qarrejja kollha tagħha: (1) li tagħti aħbarijiet fuq il-missjunarji u l-missjonijiet; (2) li turi kemm il-Vigarju ta' Kristu u l-Awtoritajiet kollha tal-Knisja għandhom għal qalbhom dan ix-xogħol; (3) iġġib eżempji sbieħ ta' Nsara oħrajn f'dan il-qasam; (4) turi x'nistgħu nagħmlu u x'għandna nagħmlu aħna wkoll biex ikollna sehem f'dan ix-xogħol; (5) tassigura li hemm ħlas kbir għal min jgħin l-OM. Dan kollu għandu jwassal biex isir ġid kbir f'dik li huwa jsejjaħ 'koxienza missjunarja', li tfisser li bħala Nsara għandna 'id-dmir importanti li naħdmu, skont il-kapaċità tagħna, biex id-dawl tal-Fidi [li rċivejna mingħand Alla] jasal ukoll fost dawk il-popli li s'issa għadhom ma jafux bih; dmir li ġej mill-aqwa kmandament, li huwa dak tal-imħabba t'Alla u tal-proxxmu.' Dwar dan tkellmu wkoll it-tliet Papiet, Benedettu XV, Piju XI u Piju XII. Dan tal-aħħar saħansitra ħareġ l-Enċiklika tiegħu *Fidei Donum* fil-21 t'April 1957 fejn ħajjar lill-isqfijiet tad-dinja kollha biex bil-ħeġġa tagħhom jgħinu x-xogħol l-aktar qaddis li għandu x'jaqsam mat-tixrid tal-Knisja t'Alla fid-dinja kollha kemm hi. Wieħed kien jittama li permezz ta' dawn it-twissijiet l-ispirtu tal-apostolat missjunarju jitkebbes u jitqawwa aktar fl-erwieħ tas-saċerdoti' u bil-ħidma tagħhom 'jitkebbes fl-Insara kollha.' L-Isqof Galea jagħlaq billi jgħid li f'dan il-Ġublew tal-Fidda tal-MM għandna niżżu ħajr 'l Alla 'għall-ġid kbir li huwa għoġbu jagħmel matul dan iż-żmien permezz ta' dan il-qari missjunarju'; nitħeġġu lkoll kemm aħna biex nagħtu l-għajnuna kollha tagħna 'biex hija tkun tista' timxi dejjem 'il quddiem f'dak kollu li jiswa biex hija tkun tista' togħġob u tagħmel il-ġid'; nitolbu 'l Alla, bl-interċessjoni tal-V.M., is-Sultana tal-Missjonijiet, u tal-Qaddisin Protetturi tagħhom, 'biex il-ħeġġa missjunarja tkompli tikber fina u hekk Malta timmerita li, f'uliedha kollha, il-Fidi u r-rabta mal-Knisja Mqaddsa qatt ma jonqsu, imma jibqgħu dejjem u dejjem jissaħħu aktar.'



Alfons M. Galea (1861-1940) – filantropu, senatur u awtur Malti.

Artiklu ieħor t'interess storiku fejn tidħol ir-rivista

huwa *Għalaqna 25 Sena: Kif twieldet Malta Missjunarja* (Sena XXV, Ottubru 1957, nru.10, pp.155-7), kitba ta' Mons. Ant. Cilia. L-artiklu huwa mqassam f'sitt kapitli żgħar u jidħol f'ħafna dettalji sinifikanti f'dak li huwa tagħrif dwarha: (1) **Idea ta' Seminaristi**: Kienet il-*Crociata Missionaria San Paolo*, imwaqqfa apposta biex tħeġġeġ lis-seminaristi fl-ispirtu u l-imħabba għall-missjoni, li serviet biex il-grupp ta' seminaristi, studenti fit-tieni sena tat-Teoloġija fis-Seminarju tal-Furjana, jimtlew b'entużjażmu għall-missjoni u jibdew jaħdmu għall-kawża missjunarja billi jagħmlu ħafna inizjattivi u attivitajiet biex b'hekk ikunu qegħdin iħeġġu 'l-Malta u 'l-Maltin kollha għall-missjoni. Bis-saħħa ta' dan il-grupp twaqqfu l-Unjoni Missjunarja tal-Kleru u l-Lega Missjunarja Studenti, ingħata bidu għat-Trattenimenti Missjunarji, u l-ħruġ tar-rivista. Is-seminaristi ħassew li jekk jibdew jitkellmu 'dwar il-problemi missjunarji bl-aħħar aħbarijiet fuq il-missjonarji bi propaganda qawwija u ħajja a favur tal-missjoni', il-ħeġġa għaliha kienet se tikber ħafna iktar mal-Maltin. Qabel il-miġja tar-rivista missjunarja kien hemm biss l-Annwali tal-Propagazzjoni tal-fidi tas-Sur Fons M. Galea (1861-1940) – editur tal-kotba *Mogħdija taż-Żmien*, traduttur tal-kotba bibbliċi u Segretarju/Teżorier tal-Propaganda Fidei. Dan kien joħroġ biss kull sitt xhur u jitqassam b'xejn fl-idejn, bl-ispejjeż joħorġu aktarx kollha minn butu. Għaldaqstant 'kien hemm bżonn ta' perjodiku ta' kull xahar, modern, b'ħafna stampi, li jixtered f'idejn ħafna u għalhekk li jitħallas b'xi abbonament.'; (2) **Min kienu li bdewha**: Fost dawk li l-aktar interessaw ruħhom fil-proġett il-ġdid li s-seminaristi xtaqu jniedu, jissemmew Dun Pawl Galea, li kien prefett tagħhom, il-Kan. Giovanni Theuma (1913-1941), Senglean, professur tal-Patroloġija, Liturġija u Arkeoloġija Kristjana, u kittieb ta' suġġetti sagri, li miet ħesrem b'ħidmet l-għadu waqt il-gwerra, Dun Franġisku Xuereb u Dun Ġwann Sciberras, aktar tard direttur tar-rivista. L-awtur jiftakar tajjeb li kien xi Frar jew Marzu 1932 li, flimkien ma' sħabu s-seminaristi, avviċinaw lil Mons. Alfonso Agius (1873-1957), l-ewwel Direttur tal-OMP, li min-naħa tiegħu aċċetta bil-qalb li l-perjodiku jkun l-organu ta' dawk l-Opri u inkoraġġihom b'kull mod, l-istess kif għamel is-Sur Fons. M. Galea. L-ikbar problema għalihom kienet li jinstab saċerdot ħabrieki b'esperjenza tal-istampa, li jaf il-Malti tajjeb u li jħobb ħafna il-missjoni biex jagħmilha ta' direttur tal-perjodiku l-ġdid sakemm huma jilħqu saċerdoti u jkunu jistgħu jerfgħu l-piż. L-għażla waqgħet fuq Dun Nikol Zammit (1888-1969), magħruf għal ħafna kotba spiritwali li ħareġ u li nzerta kien ukoll għalliem fis-seminarju. Huwa malajr aċċetta li jgħinhom, kif tassew għamel bil-qalb kollha.


malta missjunarja
LEHEN IL-KUNSILL ĊENTRALI TA'
L-OPRI MISSJUNARJI PONTIFIĊJI.
UFFIĊĊJU MISSJUNARJU: 7, TRIQ IL-MERKANTI, VALLETTA
IL-ĦAMSA U GĦOXRIN SENA
1932
1957

L-editorjal ta' Dun Ġwann Sciberras fl-okkażjoni t'għeluq il-25 sena ħajja tagħha (Sena XXV, Ottubru 1957, nru.10, pp.155-7)

(3) **L-isem tal-perjodiku**: Wara diskussjoni twila dwar x'isem kellu jingħata

lill-perjodiku l-ġdid, ġie mgħammed b'wieħed espressiv u adattat ħafna – 'Malta Missjunarja'. Is-seminaristi riedu li joħorġu perjodiku b'libsa sabiħa u b'format li jingħoġob, li għal dak iż-żmien kienet xi ħaġa ġdida, wieħed mimli stampi, b'qoxra kkulurita u minn ġewwa mżewwaq tajjeb ħafna. Huma stess, anki jekk mgħobbijin bl-istudju, kienu jagħżlu l-istampi biex jiġu ordnati minn barra, f'Ruma, f'fabbrika tal-clichès li rnexxielhom isibu bl-għajnuna tal-Aġenzija *Fides*. Min-naħa tiegħu, Dun Nikol Zammit, l-ewwel direttur tal-perjodiku, kien irranġa biex dan jibda jiġi mitbugħ f'dik l-għamla sabiħa kif xtaquha s-seminaristi. Huwa kien għamel minn kollox biex jara li l-ideat u l-inizjattivi tagħhom jitwettqu; (4) **It-tqassim**: Huma kellhom isibu wkoll strateġija tajba ta' kif kellu jibda jitqassam il-perjodiku biex jiżguraw ruħhom li jitwassal f'għadd kbir f'kull parroċċa ta' Malta. Fil-każ t'Għawdex kien hemm jieħu ħsieb id-direttur djoċesan tal-Opri t'hemm stess, Dun Andrea Vella, iżda għal Malta ma kien hemm ħadd. Għaldaqstant, huma laqqgħu flimkien seminarista minn kull parroċċa fejn ħabbrulhom il-proġett sabiħ tagħhom u talbuhom, permezz ta' folji stampati apposta, biex isibu kemm jista' jkun abbonati u jagħtuhom f'idejn il-ħabrieka xebbiet li Dun Nikol Zammit diġà kellu f'kull parroċċa biex iqassmulu l-kotba mitbugħin minnu; (5) **Suċċess kbir**: Il-ħruġ tal-ewwel għadd f'Settembru 1932 kien suċċess mill-aqwa, u għalkemm ġew stampati kopji aktar milli kien jitbogħ kull perjodiku jew ġurnal ieħor f'Malta, dawn ma servewx u kellha ssir it-tieni edizzjoni biex ħadd mill-abbonati ma jibqa' diżappuntat. Fis-sentejn li ġew wara, is-seminaristi komplew bl-istess ħrara jieħdu ħsiebha u jiktbu fiha kull xorta t'artikli. Huma sabu l-għajnuna tad-direttur, Dun Nikol Zammit, u warajh Mons. Prof. Arturo Bonnici. Għenhom ukoll, Mons. Carmelo Zammit, professur jgħallem l-istess seminaristi u direttur djoċesan tal-OMP f'Malta; (6) Ġid li ma jingħaddx: Mal-ordinazzjoni tagħhom fl-1934, uħud minnhom komplew jiddedikaw ruħhom għalkollox għall-ħidma missjunarja f'Malta billi ħadu f'idejhom it-tmexxija kollha tal-perjodiku wara li fetħu l-Uffiċċju Missjunarju. Hija baqgħet toħroġ anki fl-eqqel tal-gwerra u l-ġid li għamlet għall-missjoni f'Malta ma jingħaddx. Grazzi għaliha, l-OMP, speċjalment dik tal-Kleru Indiġenu, ħadu xejra ġdida. Iżda għad-direzzjoni, l-ikbar konsolazzjoni kienet tkun meta xi missjunarju jew xi soru missjunarja jgħidu: *"Jiena naf il-vokazzjoni tiegħi għall-missjoni lill-Malta Missjunarja!"*

Fil-ħarġa ta' Ġunju 1959, p.127, ir-rivista kienet ħabbret il-ħatra ta' Mons. A. Cilia, Direttur Nazzjonali, bħala Kanonku Koadjutur tal-Knisja Katidrali ta' Malta ta' Mons. E. Ceravolo. Din in-nomina kienet ferrħet mhux biss liż-żelaturi u benefatturi tal-OMP, imma wkoll lill-kollaboraturi u qarrejja ta' MM, għax f'dan l-unur huma raw 'ir-rikonoxxenza tal-awtorità tal-Knisja għall-ġid kbir li Mons. A. Cilia mar jagħmel lill-missjonijiet, mingħajr ma naqas qatt minn dmiru li jaħdem b'ħiltu kollha wkoll għall-Knisja ta' Malta.'

Fil-ħarġa t'Awwissu 1961 ukoll, pp.179-182, insibu l-buzzett *It-Tliet Ragħajja* ta' J.A. Vella S.J. Fih jieħdu sehem tlett itfal bniet Santali t'għaxar snin il-waħda:

Sundari, Moni u Rani, u soru missjunarja. Ix-xena sseħħ fl-għelieqi mhux maħduma, b'ħafna ħaxix ħażin, b'siġar u xi palma fl-isfond. Il-buzzett seta' jiġi reċitat f'xi okkażjoni missjunarja. Għaldaqstant, id-direzzjoni ħasbet biex tpoġġih fin-nofs tal-perjodiku bil-għan li jiġi utilizzat aħjar minn min ried jagħmel użu minnu. Bħala kittieb, il-fratell Vella kien magħruf sew mal-qarrejja tal-MM. ■

# AVVIŻ IMPORTANTI

Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ id-Direttiva Nru 19 u fost l-oħrajn awża li, mill-1 ta' Jannar 2022, il-banek lokali kollha mhux ser isarrfu aktar ċekkijiet li jammontaw għal €20 jew anqas.

Għalhekk niġbdulkom l-attenzjoni u nitolbukom sabiex l-abbonament tar-rivista Malta Missjunarja, isir billi tagħżel waħda minn dawn l-għażliet:

1. **'Cash' - billi tmur personalment f'wieħed mill-uffiċini tagħna fil-Belt jew il-Mosta,**
2. **Permezz ta' 'bank transfer'** *(ara dettalji f'paġna 17),*
3. **Tabbona għal sentejn b'ċekk ta' €21 pagabbli lil Missio Malta** *(ara dettalji f'paġna 35 u formola fil-paġna ta' wara).*

*Missio jirriserva d-dritt li, f'ċirkostanzi li m'għandux kontroll fuqhom, jieħu deċiżjonijiet għall-benefiċċju tal-qarrejja u tal-missjonijiet li nsostnu.*

Għal aktar tagħrif ikkuntattjana fuq 2123 6962.

**Grazzi mill-qalb - Missio Malta**



## TFAL MISSJUNARJI

Programm għat-tfal bi produzzjoni ta' MissioTfal u preżentazzjoni ta' Claudia Cini bl-għajnuna ta' Nancy Camilleri.

Kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Ġimgħa fit-3:30pm fuq Radju Marija 102.3FM (Malta) / 107.8FM (Għawdex).

missioTFAL